MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2014

Appell Kriminali Numru. 522/2010

**Appell Numru: 522/2010**

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Michael Farrugia**

Illum 23 ta' Jannar, 2014

Il-Qorti,
Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fil-lejl ta' bejn l-24 u l-25 ta' Jannar, 2006, flimkien ma' Anthony Caruana, minn tlett garaxxijiet kontigwi fi Triq in-Nigret, Zurrieq, ikkommetta serq ta' flus u telephone cellulari, liema serq hu kkwalifikat bil-valur, li jeccedi tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centemzu (€2329.37), bil-mezz u bil-hin, u li sar ghad-detriment ta' Frangisk Farrugia, Karmenu Farrugia u Giovanni Farrugia u/jew ta' persuni ohra.

Illi permezz ta’ sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tad-29 ta’ Marzu, 2010, l-Qorti, wara li rat l-artikoli 261(b)(c)(f), 263, 264, 267, 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta sabet lill-imputat hati ta’ l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u ikkundannatu sittax il-xahar prigunerija li b’applikazzjoni ta’ l-artikolu 28A ta’l-istess Kaptiolu 9 qed jigu sospiezi ghal perjodu ta’ sentejn. In oltre b’applikazzjoni ta’ l-artikolu 28H tal-Kapitolu 9 qed ordnat lill-imputat biex fi zmien sitt xhur ihallas is-somma ta’ €10,482.20 (ekwivalenti ghal Lm4,500) lil Francis Farrugia.
Il-Qorti spjegat fi kliem ordinarju lill-imputat ir-responsabbilta tieghu u x’jigri jekk huwa jikkommetti reat iehor fi zmien tmintax il-xahar u jekk ma joqghodx ghall-ordni lilu mghoti.
Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-24 ta’ Novembru, 2010 fejn il-Qorti, wara li rat ir-rikors tal-parte civile Francis Farrugia pprezentat ai termini ta’ l-artikolu 28H(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, kif ukoll wara li rat l-artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta dahhlet fis-sehh is-sentenza moghtija fid-39 ta’ Marzu, 2010 b’mod li Michael Farrugia ghandu immedjatament jiskont s-sittax il-xahar prigunerija imposta fuqhu fis-sentenza imsemmija.
Rat ir-rikors tal-appellant Michael Farrugia pprezentat fis-6 ta’ Dicembru, 2010 fejn talab lil din il-Qorti tilqa` l-appell u tirriforma is-sentenza appellate, billi filwaqt li tikkonferma l-parti fejn sabet lilll-appellant hati ta’ l-unika akkuza addebitata lilu, tvarja l-piena inflitta, billi timponi piena aktar ekwa u gusta ghall-fattispeci tal-kaz.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, huma s-segwenti w cioe':-

Illi dan l-appell qed ikun limitat biss ghal dak li jikkoncerna l-piena. Illi f’dan is-sens l-appellant jilmenta li tenut kont tac-cirkostanzi speci tal-kaz, il-piena inflitta fuqu kienet wahda eccessiva; ghalhekk fid-dawl ta’ dak sottopost, l-

appellant umilment jissottometti li setghet tigi mposta piena hafna aktar ekwa u gusta.

Illi f'dan is-sens l-appellant jilmenta li tenut kont tac-cirkostanzi speci tal-kaz, il-piena erogata kienet wahda evvessiva stante illi giet mposta fuqu piena karcerarja ta' sittax il-xahar (16) prigunerija li b'applikazzjoni ta' l-artikolu 28A ta' l-istess Kapitolu 9 gew sospizi ghal perjodu ta' sentejn, u liema sentenza dahlet fis-sehh permezz ta' sentenza datata l-(24) ta' Novembru, 2010 u ghalhekk fid-dawl ta' dak susespost, l-appellant umilment jissottometti li setghet tigi mposta piena hafna aktar ekwa u gusta.

F' dan is-sens, fl-umli fehma ta' l-esoponent l-ewwel Qorti filwaqt illi sahqet fuq l-aspett retributtiv u deterrent tal-piena, ma tatx l-importanza misthoqqa lill-aspett riformattiv, u ghalhekk il-piena inflitta, kemm fil-kwalita` taghha, u sussidjarjament u minghjr pregudizzju, fil-kwantita, ma tohloqx bilanc bejn l-aspett retributtiv u dak riformattiv, tant accennan u accettat, fil-kuncett ta' gustizja kriminali fiz-zminijiet ta' llum. L-esponenti umilment jaghmel referenza ghas-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali, datata 25 ta' April, 2006, per Onor Imhallef Dr. David Scicluna, fl-ismijiet; il-Pulizija vs John Farrugia, fejn piena ta' prigunerija ta' sentejn u nfos inflitta mill-Ewwel Onorabbli Qorti, giet revokata ghal ordni ta' servizz fil-komunita a tentur ta' l-artikolu 11 tal-Kap 446. L-umli esponent jirrileva li permezz tal-piena t'a prigunerija ta' hmistax il (15 xahar imposta fuqu mill-ewwel Onorabbli Qorti l-aspett riformattiv ma giex accennat, anzi l-esponent ihoss li l-piena ta' prigunerija li giet imposta fuqu aktarx tkun kotro-produttiva f'dan il-kaz.

Ghal dawn ir-ragunijeit, l-appellant ihoss illi l-Ewwel Onorabbli Qorti kellha tkun ferm aktar klementi mighu, specjalment in vista tal-fatt illi l-fedina penali tieghu hija wahda netta.

Inoltre, l-akkuzat Anthony Caruana, li kellu akkuzi identici stante illi kien involut fl-istess kaz, quddiem Qorti ohra kif diversament preseduta, wehel biss conditional discharge.

Fil-kawza il-Pulizija vs Carmen Butler, deciza mill-Qorti tal-Appell kriminali fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Frar, tas-sena elfejn u disgha (2009), il-Qorti kkristallizzat propju dan il-principju, u cioe illi Qorti ta' Appell, ma tiddisturbax il-piena erogata minn l-ewwel Qorti sakemm ma jigix manfiestament pruvat illi l-Ewwel Qorti, tkun naqset milli tat importanza lil xi aspett jew cirkostanza partikolari tal-kaz, bhal fil-kaz in dezamina.

F' dan l-istadju, ssir referenza wkoll ghas-sentenza fl-ismijiet t'a Il-Pulizija vs Charlot Aquilina, deciza mil-Onorabbli Qorti tal-Magistrati fis-sebgha (7) ta' Novembru, tas-sena elfejn u tmienja (2008). Fis-sentenza precitata, il-Qorti sahqet fuq il-bzonn, illi persuna ghandha tinghata cans iehor fil-hajja taghha, la darba turi car illi hemm ir-rieda ta' bidla. F' dan il-kaz, ghalkhemm l-akkuzi kienu ta' natura sejra, l-aktar peress illi akkuzat bhal l-appellant kien recidiv, il-Qorti sahqet illi l-imputat kellu jinghata cans iehor billi tigi mposta fuqu Ordni ta' Probation.

Ghal finijiet ta' piena il-Qorti kkunsidrat bir-reqqa kollha dovuta is-Social Inqury Report esebit a ofl 104 et sequitur tal-process minn fejn jirrizulta li l-imputat kellu trobbija instabbli, li huw kellu provlema serja ta' abbuz mid-droga.. u li huwa ilu ma jabbuza mid-droga b'mod kontinwu ghal dawn l-ahhar erba` snin.. li tul dawn l-ahhar erba' snin kienu qed isiru urine sample tests lill-imputat u danw dejjem irrizultaw fin-negattiv.. Il-Qorti wara li kkunsidrat dan kollu jidrilha li ghalkemm mill-fedina penali tal-imputat jirrizulta li huwa inghata opportunijitajiet rega` qabad it-triq il-hazina ghaliex kien ghadu jabbuza mid-droga, irrizulta wkoll li dawn l-incidenti jirrisalu ghal qabel is-sena 2003, u cioe` ghal qabel ma l-imputat beda u ttermina b'success il-programm residenzjali, u ghalhekk l-imputat ghandu jinghata l-ahhar opportunita` sabiex jirriforma ruhu u jaqbad definittivament it-triq it-tajba specjalment meta wiehed jikkunsidra li llum il-gurnata l-imputat oltre li ttermina b'success il-programm residenzjali ghandu xoghol stabbli u anki hajja familjari wkoll pjuttost stabbli.

Fis-sentenza, il-Pulizija vs Ritmar Hatherly u Justin Farrugia, deciza mill-Qorti tal-Apell fid-9 ta' Ottubru, 2009,

il-Qorti, filwaqt li ghamlet referenza ghal xi kazijiet ohra qalet hekk, Issa, ghalkemm huwa veru li qorti ghanha dejjem toqghod attenta li ma tizvalutax il-mizuri mhux karcerarji a dispozizzjoni taghha b'applikazzjoni taghhom bl-addocc u minghajr ma tiehu kont xieraq tal-antecedetni penali ta' dak li jkun, mill-banda l-ohra s-semplici fatt li persuna tkun precedentement inghatat probation jfe conditional discharge ma jfissirx necessarjament li ma tkunx tista`, jew li m'ghandiex, fil-kazijiet li jikkwalifikawx terga` tinghatat probation jew conditional discharge jew tigi applikata fil-konfront taghha xi mizura ohra taht il-Kap. 446. F' dan ir-rigward din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li nghad fis-sentenza taghha tat-18 ta' Jannar, 2001 fl-ismijiet il-Pulizija vs George Farrugia: "Issa huwa veru li l-appellant ghandu fedina penali li ftit din il-Qorti rat bhalha. Bizzejjed jinghad li dina l-fedina penali tiehu xejn anqas minn 42 faccata. L-appellat illum ghandu erbghin sena, u f'dawn l-erbghin sena huwa kellu xejn anqas minn 77 kundanna mill-Qrati tal-Gustizzja Kriminali. Kien hemm xi okkazzjonijiet fis-snin sebghin u fil-bidu tas-snin disghin meta l-qrati applikaw fil-konfront teighu sia l-artikolu 5 kif ukoll l-artikolu 9 tal-Kap 152; il-bqija tal-kundanni, pero` jinvolvu multi u habs.. "Apparti li din il-Qorti ma tistax taqbel ma' l-Avukat Generali fejn dan jghid li s-sitwazzjoni ta' l-appellat hija "irriversibbli" – fil-fehma tal-Qorti hija l-mewt biss li ggib stat jew sitwazzjoni ta' irriversibilita` assoluta – anqas ma tista` din il-Qorti tikkondividi l-fehma t' l-Avukat Generali li Ordni ta' Probation hu indikat biss ghal "first offenders" zghazagh. Anke fil-kaz ta' persuna ta' eta` mhux zghira u li forsi hu recidiv, tista` titfacca fil-hajja ta' dik il-persuna a window of opportunity li permezz taghha jkun jista` jinkiser ic-ciklu ta' kundanni ta' prigunerija.

Ikkunsidrat,

Irrizulta mill-provi illi fil-lejl ta' bejn l-24 u l-25 ta' Jannar ta' l-2006, l-appellant flimkien ma' Anthony Caruana serqu ammont ta' flus u telephone cellulari minn diversi garaxxijiet fin-Nigret iz-Zurrieq ghad-dettriment ta' Frangisk, Giovanni u Karmenu Farrugia. Dan is-serq kien

aggravat bil-valur, mezz u hin. Il-Qorti tal-Magistrat tat is-sentenza taghha fid-29 ta’ Marzu ta’ l-2010 (fol 141), fejn wara li kkunsidrat l-ammonti misruqa, ikkundannat lil l-appellant Michael Farrugia ghal 16-il xahar prigunerija, sospizi ghal sentejn u ordnat li fiz-zmien sitt xhur kellu jhallas l-ammont ta’ €10,482.20 lil Frangisk Farrugia.

L-appellant ma hallasx dan l-ammont fit-terminu msemmi u b’rikors gurament tal-5 ta’ Ottubru ta’ l-2010, Francis Farrugia talab lil Qorti sabiex tiehu l-provedimenti skond id-dispost ta’ l-Artiklu 28 H (4) u (5) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. B’sentenza ohra ta’ l-24 ta’ Novembru ta’ l-2010, il-Qorti tal-Magistrati, wara li accertat ruhha li l-appellant ma hallasx l-ammont kollu li kien tenut illi jhallas, ordnat illi ddahhal fis-sehh is-sentenza tad-29 ta’ Marzu ta’ l-2010 u ordnat illi l-appellant jiskonda 16-il xahar prigunerija effettivi.

L-appellant hassu aggravat b’din is-sentenza u minnha interpona appell u l-ilment principali tieghu huwa illi s-sentenza kienet harxa wisq fil-konfront tieghu u li l-ewwel Qorti sahqet fuq l-aspett retributtiv u deterrent tal-piena u ma tatx l-importanza misthoqqha lil l-aspett riformattiv. Hu pretenda illi jinghata ordni ta’ servizz fil-komunita li kienet tkun aktar ekwa fil-konfront tieghu. Fir-rikors ta’ l-appell tieghu l-appellant sema’ diversi sentenzi fosthom dik il-« Pulizija versus Rittmar Hatherly et » li sahqet fuq il-kuncett ta’ « window of opportunity » ghal min ikun qed juri rieda tajba sabiex jirriforma ruhu flok impozizzjoni ta’ piena karcerarja.

Ikkunsidrat.

Fil-waqt li din l-Qorti m’ghandha l-ebda kumment fuq is-sentenzi riportati mill-appellant fir-rikors tieghu, thoss illi f’dan il-kaz, ic-cirkostanzi huma differenti. Mis-sentenza originali tad-29 ta’ Marzu ta’ l-2010, l-appellant gie kkundannat ghal perjodu ta’ habs sospizi ghal sentejn, bil-kondizzjoni li jhallas lura lid-derubat l-ammont misruq. Hawnhekk l-ewwel Qorti qeghdha turi certa buona volonta kif ukoll dizpozizzjoni favur l-appellant biex ma tibghatux il-habs u qeghdha ttih opportunita’ li minn naha tieghu juri

r-rieda t-tajba billi l-persuna derubata tigi rizarcita fl-ammont indikata mill-istess Qorti. L-appellant pero m’ghamel xejn minn dan u jidher li kien ghad fadal xi bilanci x’jithallsu lid-derubat, li kien ghalhekk illi kien kostrett li permess ta’ rikors gurament talab lil Qorti tieghu l-provedimenti opportuni.  L-ewwel Qorti, wara li accertat ruha li l-appellant baqa’ ma hallasx lura l-ammonti kollha miftehma, ma kelliex triq ohra hlief li tordna li jigi fis-sehh is-sentenza sospiza.

Din il-Qorti jidrilha illi mal-prezentata tar-rikors guramentat, fil-5 t’Ottubru ta’ l-2010, l-appellant kien jaf sew x’kien gej ghalih peress illi l-Ligi hija cara u meta jonqos minn dawk l-ordnijiet moghtija mill-ewwel Qorti, jaf li s-sentenza sospiza ser tigi fis-sehh.  Madankollu, bejn il-prezentata tar-rikors u s-sentenza fl-24 ta’ Novembru ta’ l-2010, ma jidhirx li sar attentat minn naha ta’ l-appellant sabiex ihallas lura lid-derubat u ghalhekk l-ewwel Qorti, bir-ragun, ma kelliex triq ohra hlief illi timponi dik is-sentenza li fil-fatt imponiet.  Din il-Qorti jidrilha illi l-ewwel Qorti, fuq il-provi illi kellha quddiemha, kellha bil-fors tatwa d-dispozizzjonijet ta’ l-Artiklu 28 H 4 u 5 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, kif fil-fatt ghamlet u ghalhekk mhux il-kaz illi s-sentenza tigi disturbata.
Ghal dawn il-motivi, taqta’ u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------